# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 85/2022 BS**

**Tania Farrugia**

**-vs-**

**Gozo Concrete Products Limited (C-45976)**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Tania Farrugia illi ppremettiet:**

1. ILLI l-esponenti inkarigat lil[l-]kumpanija konvenuta sabiex tissupplixxi madum partikolari biex jitwaħħal fi propjetà tagħha fl-indirizz 48, "Dar l-Arja" Triq Birkirkara, [Ħ']Attard Malta;

2. ILLI wara li dan il-madum weħel u beda jingħorok irriżulta illi dan l-istess madum kien fih difetti serji u ma kienx tali li jitħalla fuq il-post u għalhekk kellu jinqala['];

3. ILLI dan il-fatt ġie rikonoxxut mill-kumpanija konvenuta innifisha [sic] illi kienet hi stess offriet illi tirrifondi lura l-prezz tal-madum u tagħmel tajjeb għad-danni. Iżda minkejja l-promessi tagħha l-kumpanija konvenuta baqgħet inadempjenti;

4. ILLI per konsegwenza id-danni [sic] tal-esponenti estendew minn bdil tal-madum, qlugħ u rimi tiegħu, kif ukoll ix-xogħol waqgħa [sic] lura u l-fond dam ma tlesta bil-konsegwenza illi l-attriċi ma setgħetx tuża l-fond tagħha fiż-żmien prevvist [sic]. Dan apparti danni oħra li se jiġu pruvati waqt it-trattazjoni ta' din il-kawża;

5. ILLI l-esponenti trid illi dawn id-danni sofferti minnha jiġu likwidati u m ħallsa [sic] lilha;

6. ILLI wara li l-attriċi bgħatet [sic] ittra uffiċċjali [sic] fit-termini ta' l-atrikolu [sic] 495 A tal-Kap 12 lil[l-]kumpanija konvenuta (45/22 fis-27 ta' April 2022) fl-ammont ta' danni reklamat din ikkontestat il-pretensjoni ta' l-attriċi [sic];

7. ILLI din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn l-attriċi Tania Farrugia li għandha konoxxenza vera u propia [sic] tal-fatti in kawża;

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara lil[l-]kumpanija konvenuta responsabbli għad-danni a favur ta' l-attriċi [sic] u dan għar-raġunijiet fuq pr[e]messi;

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti minn l-attriċi;

3. Tikkundanna lil[l-]kumpanija konvenuta tħallas lil[l-]attriċi dwar id-danni hekk likwidati, u dan bl-imgħax skond [sic] il-liġi;

Bl-ispejjes [sic] kollha [i]nklużi dawk ta' l-ittra [sic] uffiċċjali [sic] numru 45/2022 preżentata quddiem din il-Qorti fis-27 ta' April 2022; u [i]nklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma['] din il-kawża u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Gozo Concrete Products Ltd illi eċċepixxiet:**

ILLI fil-waqt [sic] illi hi tirrikonoxxi d-difett tal-madum in kwistjoni, hi qed tikkontesta t-talba li għamlet l-attriċi għad-danni allegatament sofferti minnha għax tali danni huma fil-fatt anqas mill-ammont pretiż mill-attriċi;

ILLI s-soċjetà konvenuta kienet disposta illi tasal fi ftehim bonajru sabiex issir il-likwidazzjoni tad-danni realment subiti mill-attriċi imma l-attriċi pproċediet għal dina l-kawża mingħajr l-ebda tentattiv sabiex jintlaħaq tali ftehim. Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex teħel l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti;**

**Fliet** l-atti;

**Rat** li fis-seduta tal-11 ta Novembru, 2022 il-partijiet ivverbalizzaw illi kienu waslu għal ftehim illi jittransiġu l-kawza odjerna entro l-parametri vverbalizzati;

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għas-sentenza tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

**i. Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi tgħid illi hija inkarigat lis-soċjetà konvenuta sabiex tbigħilha madum partikolari u li dan il-madum kellu jitqiegħed fil-fond tal-attrici f'Birkirkara. Wara li tqiegħed dan il-madum u beda jingħorok irriżulta li dan il-madum kien difettuż u għalhekk kellu jinqala'.

Tgħid li minkejja li s-soċjetà konvenuta aċċettat li l-madum kien difettuż u li kienet ser tirrifondi l-prezz lura lill-attriċi kif ukoll tagħmel tajjeb għad-danni din baqgħet ma għamlet xejn minn dan kollu.

L-attriċi tgħid li tort tal-konvenuta hija sofriet danni u talbet lill-Qorti sabiex tillikwida dawk id-danni u tordna lill-konvenuta tħallasha l-ammont hekk likwidat.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta fir-risposta tagħha tirrikonoxxi li l-madum kien difettuż iżda tikkontesta d-danni. Tgħid li l-attriċi pproċediet bil-kawża mingħajr ma ppruvat li tasal għal ftehim bonarju magħha u għalhekk is-soċjetà konvenuta ma għandhiex tbati spejjeż.

**Mertu**

Il-Qorti tosserva li fl-ewwel seduta tas-27 ta' Settembru, 2022 il-partijiet kienu diġà qed jesploraw il-possibbiltà ta' transazzjoni. Tant hu hekk li fis-seduta sussesgwenti tal-11 ta' Novembru ddikjaraw illi kienu qablu illi l-kumpanija konvenuta tiġi dikjarata debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mija u sittin ewro (€16,160). Iddikjaraw ukoll li s-sentenza għandha tkun esegwibbli wara sitt (6) xhur mid-data tagħha u li ma għandhom jitħallsu ebda imgħaxijiet sakemm is-somma titħallas entroit-terminu ta' sitt (6) xhur, bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjetà konvenuta.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi fil-parametri maqbula bejn il-partijiet.

**Decide**:

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-kumpanija konvenuta responsabbli għad-danni favur l-attriċi;

ii) Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mija u sittin ewro (€16,160);

iii) Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf mija u sittin ewro (€16,160) entro t-terminu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. B'dan illi jekk l-ammont ma jitħallas fit-terminu mogħti jibda jiddekorri l-imgħax skont il-liġi.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur